MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 393/2002/1

**Albert Robert D'Emanuele**

**-vs-**

**Joseph Mary u Anna konjuġi Portelli**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-8 ta' April 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Premess illi fl-ewwel (1) ta' Settembru 2001 l-attur u l-konvenuti ffirmaw kuntratt sabiex jintemm kuntratt ta' lokazzjoni datat disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 1995, in konnessjoni ma' fond magħruf bħala "Mr Sub's Restaurant", fl-indirizz ta' numru 78, Triq ix-Xatt, l-Imsida;

Premess illi fil-kuntratt ta' l-ewwel (1) ta' Settembru 2001 il-konvenuti ntrabtu *inter alia* illi sa żmien tlietin (30)

ġurnata l-*equipment* ta' l-attur li kien għadu fil-fond tal-konvenuti jiġi trasferit lura lill-attur a spejjeż tal-konvenuti;

Premess illi permezz ta' ittra datata tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru ta' l-2001 il-konvenuti nfurmaw lill-attur illi l-*equipment* ta' l-attur li kien fil-pussess tagħhom kien sejjer jinżamm u ma jintrodx lura lill-attur, u dan sakemm l-attur jagħmel tajjeb għad-danni allegatament sofferti mill-konvenuti waqt il-ġestjoni da parti ta' l-attur ta' l-fond hawn aktar qabel imsemmi;

Premess illi filwaqt li l-pretensjonijiet tal-konvenuti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt l-azzjonijiet tagħhom jikkonsistu, *inter alia,* fi ksur ċar ta' l-obbliġi kuntrattwali tagħhom;

Premess illi għalkemm debitament interpellati sabiex jieqfu u jiddeżistu minnufih mill-aġir abbusiv u llegali tagħhom, il-konvenuti xorta waħda baqgħu inadempjenti biex b'hekk sallum dan l-istat ta' fatt għadu jissussisti;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti ma kellhom ebda dritt iżommu l-*equipment* ta' l-attur li kien fil-fond magħruf bħala "Mr Sub's Restaurant", fl-indirizz ta' numru 78, Triq ix-Xatt, l-Imsida;

2. Tikkundanna lil konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi lilhom perfiss huma jirritornaw l-*equipment* kollu fuq imsemmi lill-istess attur a spejjeż tal-konvenuti.

3. Fin-nuqqas tikkundannahom sabiex iħallsu lill-attur il-valur ġust ta' l-*equipment* fuq imsemmi u dan okkorrendo, prevja l-opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida tali valur.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri nterpellatorja tat-22 ta' Ottubru 2001 u ta' protest tat-28 ta' Novembru 2001, u bl-

imgħaxijiet legali skond il-liġi, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2002, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-eċċipjenti jeċċepixxu illi kien l-istess attur illi ma aderiex ruħu ma' l-obbliġi assunti minnu fl-iskrittura datata 1 ta' Settembru, 2001 u dana hekk kif se jiġi pprovat mill-eċċipjenti waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

2. Illi *inoltre* l-eċċipjenti jirrilevaw illi huma lesti illi jonoraw l-obbliġi tagħhom a bażi tal-istess skrittura datata 1 ta' Settembru, 2001 ġaladarba l-attur jonora l-obbligi tiegħu, kif ukoll iħallas id-danni sofferti mill-istess konvenuti a kawża ta' negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' manutenzjoni tal-fond "Mr Sub's Restaurant" ġewwa l-Imsida da parti ta' l-istess attur.

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:

Premess illi l-konvenuti rikonvenzjonanti iffirmaw ftehim datat l-ewwel (1) ta' Settembru, 2001 ma' l-attur ħalli jitterminaw l-effetti ta' skrittura ta' lokazzjoni bejn l-istess partijiet datata disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru, 1995, in konnessjoni ma' fond magħruf bħala "Mr Sub's Restaurant".

U premess illi sussegwentement irriżulta lill-konvenuti rikonvenzjonanti illi l-istess attur rikonvenzjonat ma kienx onora ċerta obbliġi minnu assunti, *inter alia*, illi jżomm l-istess fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni bir-riżultat illi

saret ħsara fil-fond in kwistjoni u dana minħabba negliġenza, nuqqas ta' manutenzjoni u traskuraġni da parti ta' l-istess attur rikonvenzjonat, kif ukoll illi huwa lanqas kien qiegħed iħallas it-tiġdid tal-permessi u tal-liċenzji lill-awtoritajiet kompetenti ħalli jkun jista' jibqa' jopera l-imsemmi fond.

U premess illi *inoltre* l-istess attur rikonvenzjonat naqas milli jħallas is-somma ta' seba' mitt lira Maltain (Lm700) *ai termini* ta' klawsola numru wieħed (1) ta' l-iskrittura datata 1 ta' Settembru, 2001.

U premess illi għalhekk l-attur rikonvenzjonat kiser l-obbliġi kontrattwali assunti minnu.

U premess illi l-attur rikonvenzjonat għalkemm ġie debitament interpellat huwa baqa' inadempjenti.

Jgħid l-attur rikonvenzjonat għalfejn din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni illi din il-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkostanzi tkun xierqa u opportuna, tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat iddekada mill-obbliġi assunti minnu fl-iskrittura datata 1 ta' Settembru, 2001.

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas lill-konvenuti rikonvenjonanti s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) *ai termini* ta' klawsola numru wieħed (1) ta' l-iskrittura datata 1 ta' Settembru, 2001.

3. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat bħala unikament responsabbli għall-ħsara ikkaġunata fil-fond magħruf bħala "Mr Sub's Restaurant", ta' numru 78, Triq ix-Xatt, ġewwa l-Imsida u dana minħabba nuqqas ta' manutenzjoni, negliġenza u traskuraġni da parti ta' l-istess attur rikonvenzjonat.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rikonvenzjonat anke permezz u bl-opera ta' perit nominand.

5. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas is-somma hekk likwidata lill-konvenut rikonvenjonant.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u l-attur rikonvenjonat minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur rikonvenjonat preżentati fit-22 ta' Mejju 2002, li permezz tagħhom espona:

Illi preliminarjament, l-ewwel żewġ talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti rikonvenzjonati *stante* nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili peress li l-uniku obbligu kontenut fl-iskrittura ta' l-ewwel (1) ta' Settembru 2001 li l-attur rikonvenut ma onorax kien dak li jħallas seba' mitt lira (Lm700) u allura somma li ma teċċedix ħamest elef lira (Lm5,000);

Illi preliminarjament ukoll, *inoltre* u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni tal-konvenuti rikonvenjenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti għar-raġuni li hija ntempestiva;

Illi preliminarjament ukoll, *inoltre* u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) talba tal-konvenuti rikonvenjenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom *stante* li ma jirrikorrux ir-rekwiżiti legali ta' rikonvenzjoni a tenur ta' s-sub-artikoli "a" u / jew "b" ta' l-artikolu tlett mija u sitta u disgħin (396) tal-Kapitolu tnax (12) ta' l-edizzjoni riveduta tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fil-mertu, *inoltre* u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kuntratt ta' l-ewwel (1) ta' Settembru 2001 iffirmat mill-partijiet kien ftehim a saldu ta' l-pretensjonijiet kollha tal-partijiet biex b'hekk il-konvenuti rikonvenjenti huma issa preklużi milli jivvantaw xi drittijiet ulterjuri kontra l-attur rikonvenut salv għal dak li dwaru l-partijiet ftehmu kuntrattwalment fl-ewwel (1) ta' Settembru 2001;

Illi fil-mertu, *inoltre* u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) talba tal-

konvenuti rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-attur rikonvenut dejjem aġixxa bħala *bonus paterfamilias* fil-kors tal-ġestjoni tal-fond in kwistjoni;

Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mill-liġi.

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Frar 2009 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-verbal ta’ l-aħħar seduta u cioe’ dik tad-9 ta’ Frar 2009, l-attur iddikjara li tħallas elf lira u kien kuntent b’ dik is-somma iżda għad baqagħlu nteress fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża peress li għalkemm ġie mwiegħed li se jitħallas dan baqa’ ma sarx.  Dakinhar ukoll l-attur talab illi jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tal-kontro- talba, liema talba ġiet milqugħa.  Il-konvenut ma għamel ebda talba biex il-kawża terġa’ titqiegħed fuq il-lista fiż-żmien li tagħtih il-liġi.

**Il-Qorti għalhekk ma baqagħlhiex ħlief, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet kollha, tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------